MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VERONICA GALEA DEBONO

Seduta ta' l-24 ta' Mejju, 2007

Talba Numru. 561/2006

**Talba Nru: 561/06VGD**

Bank of Valletta plc (C2833)

Vs

Desmond u Helen Lorna mizzewgin Falzon (Id. numri 215358M u 488364M)

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici tablet il-hlas tas-somma ta' erba mija u disgha u tmenin lira Maltin u disgha u erbghin centezmu (Lm489.49c) rapprezentanti bilanc ghad-debitu fil-'Loan u l-Overdraft Accounts' tal-konvenuti Desmond u Helen Lorna Mizzewgin Falzon, flimkien ma' l-imghax ulterjuri mis-26 ta' Mejju 2006, sal-jum tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-11 ta' Jannar 2005, kontra l-konvenuti.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuti gew debitament notifikati bl-Avviz, ma kkontestawx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deheru ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenuti naqsu li jidhru sabiex jirrisponduh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuti jhallas is-somma ta' erba mija u disgha u tmenin lira Maltin u disgha u erbghin centezmu (Lm489.49c), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz.   L-ispejjez kif mitluba ghandhom jigu ssopportati mill-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------